# SFOND DWAR IŻ-ŻJARAT TAL-PAPA F'MALTA

Jekk il-Papa Benedittu Sittax jiġi Malta s-sena d-dieħla, din tkun it-tielet żjara f'pajjiżna tas-suċċessur ta' Pietru. F'dawn l-erbgħa snin tal-Pontifikat tiegħu, il-Papa Benedittu Sittax għamel tnax-il Żjara Appostolika barra l-Italja. F'Settembru ta' din is-sena, il-Qdusija Tiegħu mistenni jżur ukoll ir-Repubblika Ċeka.

L-ewwel żjara ta' Papa f'Malta saret mill-Qdusija Tiegħu Ġwanni Pawlu II bejn il-25 u s-27 ta' Mejju, 1990. Dan kien it-48 vjaġġ appostoliku tal-Papa barra mill-Italja fl-ewwel tnax-il sena tal-Pontifikat tiegħu. Ġwanni Pawlu II kien ġie elett Papa fis-16 ta' Ottubru, 1978.

Fit-8 ta' Mejju tal-2001, il-Papa reġa' ġie Malta fid-93 vjaġġ tiegħu barra mill-Italja. Din id-darba bħala parti minn pelegrinaġġ Pawlin li ħadu l-Grecja, s-Sirja u li ntemm f'Malta. Fit-tieni u l-aħħar jum taż-żjara tiegħu, il-Papa bbeatifika lil Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzjon u Adeodata Pisani.

Il-Papa Benedittu Sittax ġie mistieden mill-Isqfijiet Maltin u mill-President tar-Repubblika biex izur Malta fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju tan-Nawfraġju ta' San Pawl, li tradizzjonalment inzommu li ġara fis-sena sittin wara Kristu. Fl-1960 saru ċelebrazzjonijiet kbar f'Malta biex jitfakkar dan iċ-ċentinarju.

Is-sena l-oħra, il-Papa Benedittu XVI kien ddikjara Sena Pawlina - sena ddedikata lil San Pawl. F'Malta wkoll, id-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex organizzaw diversi inizjattivi li matulhom l-Insara kienu msejħa jirriflettu aktar fuq il-figura ta' San Pawl. F'għeluq is-Sena Pawlina, il-Papa Benedittu XVI bgħat il-legat personali tiegħu, il-Kardinal Ennio Antonelli, biex imexxi iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li saret quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann.

In-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta huwa ta' mportanza kbira għall-Insara, partikolarment għal Maltin peress li din il-ġrajja tissemma fl-Atti tal-Appostli, kapitlu 28, 1-2: "Meta ħlisna mill-għarqa sirna nafu li l-gzira kien jisimha Malta. In-nies tal-gżira gibu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha."